MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Numru. 720/2007

**Il- Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**-vs-**

**Andre Carbonaro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andre Carbonaro ta’ 33 sena bin Carmelo u Elizabeth nee Zampa imwieled Attard nhar il-1 ta’ April 1974 u residenti 217 Saint Ursola Street Valletta detentur ta’ karta ta’identita b’numru 191174M.

Akkuzat talli bejn it-30 ta’ Mejju 2007 u il-31 ta’ Meju 2007f’ dawn il-gzejjer Maltin u gewwa Triq it-Tabib J. Zammit Birkirkara ghamel hsara volontarja fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SSS 165 tal-marka Totota Tercel liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltija (llum

€116.47) izda anqas minn hames mitt Lira Maltija (illum €1164.69)ghad-detriment ta' martu Lucia Carbonaro li ghandha karta ta' identita b'numru 0527274M.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Lucia Carbonaro u torbot lil Andre Carbnaro b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini ta' l-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' hsara volontarja.

Illi mill-atti jirrizulta li d-danni realment sofferti huma ta' sittin Euro (€60).

Illi ai termini ta' l-artikolu 325 meta l-ammont tal-hsara ma jkunx jiskorri il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) l-azzjoni hija prosegwibbli fuq kwerela tal-parte leza.

Illi l-parte leza Lucia Carbonaro fil-fatt issa hafret lil zewgha u rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali u dan anke in vista tar-rikonciljazzjoni li kien hemm bejn il-konjugi Carbonaro.

Ghal dawn il-motivi u in vista tar-rinunzja ghall-azzjoni kriminali minn-naha tal-parte leza tiddikjara l-procedimet ezawriet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------